# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 7 u 21 ta' Jannar 2024 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Frar 2024 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Marzu 2024 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' April 2024 fil-5.30p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Azzopardi, 384, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi, SGW 2016 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b'informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta' dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-website.
7. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 137 Jannar 2024 ĦARĠA ELETTRONIKA



*Fr. Eusebio Debono waqt quddiesa l-Girgenti fl-1 ta' Ġunju 2014 fl-okkażżjoni tal-ħamsin sena mill-ordinazzjoni tiegħu*

*Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni*
*jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu*
*għas-sena 2024*
*lill-membri kollha tal-Moviment,*
*lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,*
*lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu.*
*Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha,*
*għaqqad il-ġnus f'imħabbtek u agħti s-serħan lil min qiegħed ibati.*

# TISLIMA LIL FR. EUSEBIO DEBONO

Personalment kont ilqajt ma' Fr. Eusebio meta kien qed isir xogħol fuq il-Bijografija ta' Ġuża Mifsud li kienet intweriet fuq il-PBS fis-16 ta' Diċembru 2011. Kliemu mill-ewwel laqatni u ħeġġiġtu sabiex jagħti sehem aktar attiv fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Huwa aċċetta bil-qalb u għamel diversi snin Direttur Spiritwali. Kien jattendi għal-laqgħat tal-Kumitat kif ukoll għal-laqgħat ta' talb fil-Girgenti. Apparti li kien jgħaddi ħsieb spiritwali huwa kien ukoll ippreżenta diversi trabi u tfal lill-Madonna. Kien biss meta saħħtu ma ppermettitx aktar li waqaf minn din il-ħidma. Imma għalkemm fiżikament ma kienx magħna imma t-talb u s-sapport tiegħu baqa' jinħass.

## Fr. Eusebio u Ġuża Mifsud



*Ġuża Mifsud u Fr. Eusebio*

Rigward Ġuża Mifsud, Fr. Eusebio ddikjara b'ġurament dan li ġej: "Jiena kont smajt ħafna b'Ġuża Mifsud illi din qegħda titla' il-Girgenti u tkellem lin-nies hemmhekk. Ngħid il-verità għall-bidu kont daqsxejn xettiku, jiġifieri ma tantx kont nemmen malajr dawn l-affarijiet. Imma ddeċidejt li xi darba rrid nitla ħa nara b'għajnejja u nisma' b'widnejja. Filfatt tlajt il-Girgenti u hemmhekk esperimentajt il-kuntrarju ta' dak li kelli f'moħħi, fis-sens illi ndunajt li din hija persuna ġenwina, ta' min jafdha, għandha ħafna kwalitajiet sbieħ, m'ijhiex xi waħda li trid tinganna n-nies. Meta rajt dan iddeċidejt li nitla' l-Girgenti kull darba li jkun hemm il-laqgħa sabiex nismagħha twassal il-messaġġ tagħha.

Imbagħad inqalgħu ċertu problemi fuq nies li kont naf u jiena deherli li bniedma t'Alla bħal Ġuża tista' tagħti parir daqsxejn differenti lil dawn in-nies u għalhekk mort għandha. Mort mhux darba, mort xi tliet darbiet għandha u dejjem ammirajt żewġ kwalitajiet sbieħ li kellha Ġuża: waħda hija s-sempliċità ta' ħajjitha u l-oħra l-umiltà fil-kliem tagħha. Ma kinitx tuża kliem bombastiku biex timpressjona imma kienet tuża kliem sempliċi li jużaw in-nies komuni. Is-sempliċità tagħha kienet fil-mod kif titratta man-nies, kienet titratthom qisha ilha tafhom, kellha dik is-sempliċità illi tiġbdek.



Li laqatni kien ukoll il-fatt illi ż-żewġ każijiet li ħadt ghandha biex tagħtihom parir, tathom il-parir eżatt li kellhom bżonn f'dak il-mument u veru solvitilhom il-problema ta' ħajjithom. Każ minnhom kien daqsxejn iddisprat. L-oħra kellha problemi mmorali, jien bħala saċerdot għintha safejn stajt u mbagħad afdajt f'Ġuża biex tkun tista' tagħtiha xi pariri hi wkoll. Filfatt tatha pariri siewja ħafna.

Bħala saċerdot jiena nemmen illi dan l-għarfien kien jagħtihulha Alla u għalhekk nemmen fiha jiena, il-għaliex dan ma ġġibux bl-istudju jew b'xi skola imma dan irid ikun Alla li jilluminak, li jagħtik sens ta' dixxerniment li tagħraf is-sitwazzjoni tal-mument u għaliex dik il-persuna tkun għaddejja minn dak il-mument. Dana mhux kulħadd hu kapaċi biex jiddistingwih imma Ġuża kellha din il-kapaċità.

Ġuża kellha dan is-sens ta' dixxerniment, li kienet kapaċi int u tkellimha taqra l-intern tiegħek, tagħraf il-problemi tiegħek u tgħinek biex issolvihom u dan ma kinitx tagħmlu b'affarijiet grandjużi imma b'affarijiet sempliċi, bil-ħajja sempliċi. Kont nammirha ħafna lil Ġuża fuq dawn iż-żewġ binarji, sempliċità u umiltà. Nemmen li Ġuża kellha intimità kbira ma' Alla u mal-Madonna u allura Alla kien jippermettilha li tkun taf ċertu affarijiet li n-nies komuni ma' kienux ikunu jafuhom. Kellha dan is-sens ta' dixxeriment fil-ħajja tagħha.

Il-Knisja timxi daqsxejn b'ċertu kawtela f'dawn il-każijiet u għandha r-raġunijiet tagħha dwar dan imma jiena naħseb illi b'Ġuża għad ikollna personaġġ ieħor ta' importanza f'Malta. Ngħid dan għax l-ewwel nett qatt ma kienet tagħmel għal flus, il-ġbir li kien isir dejjem kienet tagħtih biex tabellixxi l-Girgenti. La kilba għal flus ma' kellix, allura dak li ngħidu fil-vanġelu li jew Alla jew il-flus naħseb li kien Alla l-ewwel wieħed fil-ħajja tagħha.

It-tieni nara li kellha mħabba speċjali lejn is-saċerdoti. Jien nghid għalija mhux għax kelli xi trattament speċjali min-naħa tagħha, imma rajt l-imħabba kbira li għandha lejn is-saċerdot. Daħlitni fil-kamra, bdiet turini fejn titkellem etc, etc. Min jagħmilhom dawn l-affarijiet jew

għax irid jitkabbar, jew għax irid juri li hu xi ħaġa kbira aħjar minn ħaddieħor. Ġuza le, Ġuza kienet tagħmel dan biex taqsam l-esperjenza tagħha ma' ħaddieħor.

Jiena nemmen li Alla jinqeda b'dawn in-nies sempliċi, umli, biex iwassal il-messaġġi tiegħu. Kif jgħid San Pawl hu ma jużax nies ta' ċertu intelliġenza, mhux għax ma jistax, Alla jista' jagħmel kollox bħalma għamel, imma b'nies sempliċi jidher aktar il-kobor t'Alla.

Ma ngħidx li Ġuza ma għaddietx minn problemi, l-aktar persekuzzjoni li kellha għax in-nies ikunu xettiċi. Però l-fatt li kienu jitilgħu dawk in-nies kollha hemm il-Girgenti, għal għajta tagħha ta' mara sempliċi - din mhix xi Prim Ministru, mhix xi President - mara sempliċi, u tara dawk il-folol li jitilgħu hemm fuq kull meta tgħajjtilhom hija xi ħaġa mhux umana, hija xi ħaġa divina.

Jiena dan ikompli jikkonvinċini li Ġuza vera kienet strument f'idejn Alla u l-Madonna. Anka l-mod kif kienet titkellem, anka l-mod kif tesprimi ruħha, tindika li dan ma kienx xi ħaġa li qed tivvinta hi, imma l-mod kif kienet titkellem, il-movimenti ta' jdejha, kont tinduna li kienet tara xi ħaġa ħajja, mhux xi ħaġa li rata f'xi film, imma xi ħaġa li esperimentatha.



*Fr. Eusebio waqt waħda mill-laqgħat fil-Girgenti*



Ukoll il-messaġġi li kienet iġġib kienu jemozzjonawni. Kienu messaġġi sempliċi bħal vanġelu, jiena dak li laqatni, ma kellix xi affarijiet kbar fil-messaġġi tagħha. Messaġġi sempliċi bħalma huwa l-vanġelu u dak li kien jolqotni ħafna jiena, li mhux qed titlob xi affarijiet kbar min-nies. Bħad-dehriet ta' Lourdes u Fatima, dejjem hemm il-konnessjoni ta' talb, penitenza, rużarju. U anka Ġuża fil-messaġġi li kienet tagħti, "dan li qegħda tgħidli Marija biex ngħid lilkom." Kienet interessanti ħafna.

Jiena naħseb li Ġuża ħalliet wirt kbir għax fejn hemm Alla hemm il-ġid, hemm il-ħajja spiritwali. Jiena personali meta kont nidħol id-dar tagħha kont inħoss ċertu paċi, paċi nterna mhux esterna, paċi tal-qalb li hija differenti. Għalija Ġuża hija bniedma t'Alla, kellha rabta kbira u intima ma' Alla u jien għandi stima kbira lejha.

Għamilt snin ma bqajtx immur il-Girgenti, mhux għax naqas l-interess f'din ix-xebba li tant kienet tispirani bil-kwalitajiet qaddisa tagħha imma ghax kelli nagħmel għażliet oħra f'ħajti. Fil-fatt bqajt naħseb fiha u immisjajtha ħafna meta mietet għax kellha kelma sempliċi, kelma li tmiss il-qalb.

Iżda fl-2012 kien hemm żvilupp interessanti ħafna. Ġejt avviċinat mill-Kumitat sabiex inkun id-Direttur Spiritwali tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Jiena aċċettajt u safejn tippermettieli saħħti jiena dejjem tajt sehemi kemm waqt il-laqgħat fil-Girgenti, fil-laqgħat tal-Kumitat u meta jkun meħtieġ.

Din l-esperjenza ta' Direttur Spiritwali kompliet għenitni biex nifhem il-kwalitajiet qaddisa ta' din ix-xebba. Komplejt nagħraf kemm kien hemm saċerdoti oħra (San Ġorġ Preca, Dun George Mercieca, Mons. Salvatore Grima, Mons. Amante Buontempo, Dun Nazzaren Tonna...) li wkoll kellhom ħafna kliem ta' tifħir dwar il-ħajja spiritwali tagħha, dwar il-ġenwinità tagħha. Kollha saċerdoti li kienu jafuha għal snin twal, żgur ferm aktar minni.

Komplejt nagħraf il-ħajja sempliċi li kienet tgħix, il bogħod mill-lussu u l-affarijiet tad-dinja. B'kuntrast ma' dan iżda jispikka l-għerf spiritwali li kellha. Meta taqra l-kotba li fihom hemm miġbur kliemha ma tistax tibqa' passiv, tħoss li l-fidi kbira li kellha f'Alla u l-imħabba li kellha lejn dak kollu li hu qaddis trid tgħaddihomlok dak il-ħin stess, tridek idduq il-benna tas-sema minn din id-dinja.

Jiena għalija Ġuża Mifsud hija persunaġġ li għada pitgħada għad jagħmel unur lil Malta."

## Fr. Eusebio u l-Girgenti

Ġurnata ferm għall-qalb Fr. Eusebio kienet l-1 ta' Ġunju 2014 meta Mons. Arċisqof laqgħa t-talba tiegħu u taħ il-permess sabiex iqaddes quddiesa fil-Girgenti fl-okkażżjoni tal-ħamsin sena mill-ordinazzjoni tiegħu.

Dawn huma xi punti mill-omelija li għamel dakinhar: "Nirringrazzjakom li ġejtu għal din iċ-ċelebrazzjoni llejla fejn obbligat nirringrazzja lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħi f'dawn il-ħamsin sena ta' saċerdozju. Il-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II fil-ktieb tiegħu "Inqumu Ejjew Immorru"... qal hekk, "il-vokazzjoni tiegħi hija att ta' mħabba li Alla għad għandu lejja." Taqbel perfettament ma' dak li hemm fil-vanġelu meta Ġesù qalilna, "Mhux intom għażiltuni imma jiena għażiltkom u għażiltkom għal skop wieħed biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa.'"

Mela l-vokazzjoni ta' saċerdot hija att ta' mħabba kbira li Alla għandu lejna, lejn is-saċerdot, però jiena inżid ngħid, lejn kulħadd, għax iż-żwieġ mhux vokazzjoni? Ix-xebbiet li jiddedikaw ħajjithom għal verġinità m'ijiex vokazzjoni? Il-ġuvintur li jiddedikaw ħajjithom bħalma tal-Mużew mhux vokazzjoni? U ħafna oħrajn. Dawn huma kollha mħabba ta' Alla...

Jiena f'dawn il-ħamsin sena Alla tani ħafna esperjenzi sbieħ tal-imħabba tiegħu: esperimentajtha, missejtha b'idejja, naf mhux biss li Alla jeżisti imma naf ukoll li Alla huwa mħabba u mħabba fil-veru sens tal-kelma.

Ekku ħuti, illum qegħdin niċċelebraw proprju din il-festa tat-tlugħ fis-sema tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu, u l-ewwel lezzjoni li qrajna smajtu lil San Luqa jikteb lil wieħed ħabib tiegħu li jismu Teofolo. Minn huwa dan il-ħabib tiegħu? Huwa jiena, huwa intom... huwa dak li jħobb lil Alla. San Luqa qiegħed jindirizza din il-kelma mhux biss lid-dixxipli ta' żmienu imma anka lilna tallum, li qegħdin ngħixu hawn għaliex hija kelma t'Alla, kelma ħajja. San Pawl imbagħad fl-ittra tiegħu qed jitlob lil Alla żewġ affarijiet. L-ewwel nett talab li jagħtina l-għerf ħalli ngħarfu verament fejn hija l-kelma ta' Alla u fejn m'ijiex il-kelma ta' Alla. Ġesù Kristu fuq is-sodda tal-mewt! Aħna fuq is-sodda tal-mewt nixtiequ nisimgħu, "Ejja qaddej fidil, talli kont fidil fil-ftit jiena ħa ndaħħlek fil-ħafna."...

Hekku ħuti nirringrazzjaw flimkien lil Alla ta' dak li għamel miegħi f'dawna l-ħamsin sena. Jiena kif għidtilkom tani ħafna esperjenzi sbieħ, ipprovdili f'ħajti ħafna nies li għenuni, għenuni spiritwalment, għenuni bit-talb tagħhom. Kelli wkoll esperjenzi daqsxejn iebsin hu speċjalment il-mard... imma dak huwa s-salib tiegħi... it-tbatija lil kulħadd tweġġa, però nafdaw f'dan il-kliem tallejla, "Jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien." Dan l-aħħar il-Mulej ipprovdieli l-aħwa tal-Kumitat tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni li f'kollha kemm huma, sibt ukoll għajnuna spiritwali u anka materjali.



Għalhekk ħuti nirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħi u ta' dak kollu li għamel magħkom, għax intom qegħdin hawn bis-saħħa Tiegħu u mhux bis-saħħa tiegħi. Hu ġabkom hawn... biex tifirħu għax in-nisrani tneħħilu l-ferħ mhux nisrani. Il-ferħ huwa s-sinonimu tan-nisrani... Kuraġġ ħuti... u nirringrazzjakom f'isem il-Mulej."

## L-aħħar tislima

Fr. Eusebio iltaqa' mal-Mulej il-Ħamis 28 ta' Diċembru 2023 u ingħata l-aħħar tislima minn ħutu l-Karmelitani Skalzi, il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru 2023 fil-knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla.

Kif kiteb Fr. Victor Mallia, "Fr. Eusebio kien saċerdot għal 60 sena, reliġjuż Tereżjan ta' veru li għex il-vokazzjoni tiegħu b'dedikazzjoni u entużjażmu u li ħabb il-Knisja u l-Karmelu sal-aħħar nifs ta' ħajtu.

Strieħ fis-sliem għażiż Fr. Eusebio u gawdi l-hena tal-Karmelu tas-sema għal dejjem!"

**Dr. Sylvana Azzopardi**

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*